**Hemm min jgħid li r-residenti Karkariżi, minn meta nbniet il-Knisja Barrokka fl-1721 dejjem xtaqu qanpiena kbira ħafna u dan kien jidher evidenti mill-fatt li kampnar minnhom kien inbena aktar wiesgħa mill-ieħor.**



Sa mill-1891, Birkirkara kellhom l-ewwel qanpiena kbira, xogħol Ġuże Grech. Izda din malajr inbidlet b'oħra magħmula minn Ġulju Cauchi, Bormliż, li wkoll kellha tinbidel.

Il-qanpiena l-kbira ħadet sena biex titlesta, u f'għaxar xhur kienu nġabru l-fondi kollha neċessarji għaliha. Fl-24 ta' Settembru 1931, inħadmet mill-Funderija Baricozzo ta' Milan u t-tonalita' tagħha tħalliet f'idejn Carlo Diacono.

Twasslet f'Malta fit-12 ta' Jannar 1932 fost ħafna pompa u ċerimonji u wara li tniżżlet minn abbord bdiet it-triq lejn il-Bażilika.

Iżda minħabba li l-vjaġġ kien wieħed bil-mod, sakemm waslu Birkirkara bdiet nieżla x-xemx u tħalliet fejn illum hemm Triq Psaila, sabiex l-għada tkompli bil-vjaġġ tagħha għal fuq il-kampnar tal-knisja.







Fis-17 ta' Jannar il-qanpiena l-kbira twasslet permezz ta' ċerimonja oħra fil-pjazza ta' quddiem il-parrocca b'eluf ta' parruċċani jaraw min imissu biex jiġdeb għal ftit metri il-karettun kbir li fuqu kienet imserrħa l-qanpiena.

Id-distanza mill-port għal Birkirkara kienet diġa' waħda sostanzjali, dan għaliex wieħed irid iqis li dak iż-żmien ma kienux jeżistu trakkijiet li setgħu jiffaċilitaw il-ġarr tal-merkanzija.

Kif waslet fuq iż-zuntier, planki kbar ta' l-injam tqiegħdu fuq it-taraġ sabiex jiffaċilita l-moviment tagħha.

Imbagħad tqiegħdet fuq struttura tal-ġebel li kienet saret apposta għal din l-okkażjoni, u li kienet maqtugħa mill-inħawi tal-Balal.

Kif indaqqu l-ewwel tokki tagħha, hekk kif tqiegħdet f'postha, wieħed jista' biss jimmaġina l-briju u l-fervur tal-Karkariżi.



Weħidha tiżen 100 qantar u għolja 10 piedi, b'dijametru ta' 8 piedi. Dak iż-żmien swiet 1300 lira u din id-darba l-qanpiena tqiegħdet hemm biex tibqa u tiftaħar li hi l-ikbar qanpiena li għandna f'Malta.



# Il-Qanpiena l-Kbira tal-Bażilika Sant'Elena

